MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-1 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1200/2002

**Kawza Nru: 19.**

**Citaz Nru: 1200/02 JA.**

**Catherine Darmanin u Joseph Darmanin bhala prokuraturi ta' l-assenti Sylvia Bellamy.**

**-vs-**

**Miriam Cutajar Fiorini.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-citazzjoni mressqa fit-28 t' Ottubru, 2002 li bih l-atturi ippremettew:

Illi l-esponenti huma sidein tal-fond 28, Triq Santa Katerina, Birzebbuga mikri lill-konvenuta;

L-konvenuta irrifjutat li thalli lill-esponenti jispezzjonaw l-istess fond;

Illi l-konvenuta rrifjutat li turi lill-esponenti l-librett tal-kera ta' l-istess fond;

Ghalhek jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti ghalhiex m' ghadhiex:

Tordnalha li tippermetti lill-istanti li jispezzjonaw il-fond 28, Triq Santa Katerina, Birzebbugia flimkien mat-tekniku taghhom, ex parte. Fid-data u hin li din l-Qorti tistabilixxi ghal dan il-fini, kif wkoll li turihom il-librett tal-ircevuti tal-kera tal-istess fond, u taghti dawk il-provvedimenti biex fil-kaz ta' nuqqas ta' ottemperanza tal-konvenuta dik l-ordni tigi esegwita, bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri legali tal-4 ta' Lulju 2002, 29 ta' Lulju 2002, u ittra ufficjali tal-5 t' Awissu 2002, kontra l-konvenuta li ghandha tidher ghas-subizzjoni, b' riserva ta' kull azzjoni ohra inkluza dik ta' danni.

Rat id-dikjrazzjoni ta' l-atturi mahlufa mill-attur Joseph Darmanin fit-28 ta' Ottubru, 2002 w il-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-konvenuta pprezentata fis-7 ta' Jannar, 2003;

Rat l-atti tal-kawza u senjatament il-verbali tas-seduti tas-16 ta' Gunju, 2003 u dak tat-8 t' Ottubru, 2003.

Semghet lill-atturi;

Billi l-konvenuta filwaqt li halliet lill-atturi jaccedu fil-fond, naqset li turihom il-librett tar-ricevuti tal-kera;

**Tastjeni milli tiehu konjizzjonbi ta' l-ewwel talba attrici, izda tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenuta biex fi zmien xahar turihom il-librett ta' l-ircevuti tal-kera tal-fond 28, Triq Santa Katerina, Birzebbuga.**

**Spejjez jithallsu mill-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------